KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 19

**It-Tlieta 23 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Andrew Mallia – Kunsillier (Università)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 19.1 Qari tal-Apoloġiji

19.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Mallia minħabba li kien reġa' beda jattendi l-Università. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

19.1.2 **Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.**

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 18

19.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 18, li kienu meqjusa moqrija.

19.2.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 18 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 19.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsilliera kollha kienu kkupjati f'risposta mingħand il-Ministru Bonett. Ir-risposta tal-Ministru kienet tirrispondi uħud mill-mistoqsijiet li saru għalkemm ma tkoprix kollox. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat risposta lura lill-Ministru u niġbdulu l-attenzjoni li l-parti tat-telgħa ta' Triq M.A. Vassalli ma kienet fi stat tajjeb xejn u għalkemm il-Kunsill jifhem li kienet se terġa' tinbena, hemm bżonn li tkun aktar lixxa; issir tfakkira dwar il-bżonn ta' hair-pin turn; tfakkira dwar il-parkeġġ temporanju li għalkemm nifhmu li huwa temporanju, fuq suġġeriment tal-Kunsillier JC Borg, għandhom jitwaqqgħu l-binjiet dilapitati li hemm fi Triq il-Wied u din iż-żona tintuża bħala parkeġġ temporanju; dwar l-uffiċjali ħdejn Skate Park, kien hemm qbil li nitolbu biex ikunu fuq il-post filgħodu wkoll. Is-Sindku informa li dwar il-kwistjoni tal-bus stop ta' Triq Rue D'argens, il-Kunsill kien kiteb lill-TM u MPT.

19.3.2 Dwar Para. 18.3.4, is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu mal-Kap tal-Iskola dwar il-librerija. Huwa informa li kien hemm problema loġistika bil-lock u l-Kap tal-Iskola kienet se tara kif tista' titranġa. Is-Sindku informa li kien ħa l-opportunità jsaqsiha dwar il-grada u hija infurmat li probabbli kienet ġiet ippubblikata l-offerta. Il-Kunsillier Chircop informa li kien sema' li se jkun hemm xi laqgħa dwar il-parkeġġ.

19.3.3 Is-Sindku informa li dwar Para. 18.3.6, l-Onorevoli Clifton Grima kien għadu ma tahx risposta.

19.3.4 Is-Sindku informa li ma kienx hemm ebda update dwar il-proġett ta' Triq Oscar Zammit.

19.3.5 Is-Sindku informa li kien bagħat tliet reminders lill-MTA dwar il-fondi għad-dekorazzjonijiet tal-Milied.

19.3.6 Is-Sindku informa li dakinhar kien ċempel l-Arċipriet u infurmah li kien se jkun hemm laqgħa fis-7:00pm dwar il-purċissjoni tal-Bambin għal żmien il-Milied.

19.3.7 Is-Sindku informa li dwar il-kamra ta' Triq il-Karozzin, kien bagħat kommunikazzjoni bil-miktub iżda ġie infurmat li għad hemm proċessi legali għaddejjin.

19.3.8 Is-Sindku informa li l-management tal-lukanda fi Triq il-Ħriereb kienu se japplikaw għal eco-certification u għaldaqstant preparaw ftehim biex jiġi ffirmat mal-Kunsill fejn fost oħrajn wegħdu li se jagħtu donazzjoni ta' €200 għat-tiżjin tal-Milied, se jieħdu ħsieb li jħejju pjanta biex tiġi mħaddra ż-żona tal-madwar u kienu wkoll lesti li jħallsu għal xi promozzjoni dwar l-ambjent fuq social media.

19.3.9 Is-Sindku informa li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lis-Sur Battistino dwar il-berġa. Huwa wieġeb li qed jikkonkludu l-BoQ u daqt se jikkonfermawlna x'se jkunu s-servizzi.

19.3.10 Is-Sindku kien ukoll bagħat email lill-Ministru dwar l-għassa tal-Imsida. Għalkemm ma kellux ebda risposta, sadanittant hu u s-SE kienu se jiltaqgħu mal-ispettur li qed jieħu ħsieb il-proġett.

19.3.11 Is-Sindku u xi kunsilliera kienu attendew għal-laqgħa mal-kurja dwar il-museum flimkien mar-rappreżentanta tal-ġenituri. Huwa informa li skont informazzjoni li twasslet, qed jingħad li l-problema hija li m'hawnx biżżejjed soċi. Il-Kunsill qabel li mhux sewwa li qed jeħlu l-grupp ta' barranin li jużaw il-binja tal-museum minħabba li dawn ilhom jużawha minn ħafna qabel u m'humiex ir-raġuni għaliex il-museum ingħalaq. Is-Sindku u l-Kunsillier Chircop qablu li jkun ħafna isbaħ kieku jkun hemm aktar inizjattiva biex it-tfal barranin u l-Maltin jintegraw f'daqqa. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Chircop, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jgħin kemm jista' fil-ġlieda biex il-museum ma jingħalaqx u biex tinkiteb ittra lill-MUSEUM biex jikkunsidraw id-deċiżjoni tagħhom.

19.3.12 Is-Sindku informa li fi Triq Achille Ferris kien hemm bżonn li jsiru xi piles u għaldaqstant ix-xogħol kien reġa' waqaf.

19.3.13 Sindku qal li se jkun hemm xi programmi televiżivi u għandu bżonn ta' esperti fuq l-istorja tal-Imsida. Is-Sindku ssuġġerixxa lil Kenneth Cauchi u Lino Bartolo. Ġew issuġġeriti wkoll Rodriguez Espinosa u Professur Mangion u Liliana Copperstone Risiott.

19.3.14 Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg informa li b'kumbinazzjoni skopra li kien hawn personaġġ - Dr Carmelo De Lucca – li kien antropoloġista mill-Imsida.

19.3.15 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet il-kommunikazzjoni lid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva dwar it-turġien tal-vann tal-komunità.

19.3.16 Is-SE infurmat li kienet ħadet ħsieb tgħaddi r-rapport li konna mitluba nħejju dwar it-tħaddir tal-lokalità lill-Policy Co-Ordinator tal-Ministeru tal-Ambjent, hekk kif diskuss mal-Kunsill.

19.3.17 Is-SE infurmat li kienet reġgħet ippubblikat l-avviż tal-*handyman* u kien hemm żewġ applikanti. Kien hemm qbil li jsiru l-intervisti l-Ħamis 25 ta' Settembru u se jkun hemm żewġ membri fuq il-bord flimkien mas-SE bħala ex-ufficio.

19.3.18 Is-SE infurmat li l-għada kienet ukoll id-deadline tal-applikazzjonjiet għall-vakanza ta' skrivan/a u s'issa ma daħlet ebda applikazzjoni. Hija infurmat li filkaż il-Ħamis kienet se toħroġ avviż fuq Facebook biex tiġi riklamata din il-vakanza.

19.3.19 Is-SE infurmat li kellha talba mir-residenti ta' Triq is-Sarġ biex jiltaqgħu mal-Kunsill fuq il-post minħabba l-problema li qed iħossu li se jkollhom minħabba li meta tagħmel ix-xita huma se jkollhom jinżlu fi Triq il-Wied jew imorru sal-Kappara biex idawru biex ikunu jistgħu jidħlu fil-garaxxijiet tagħhom. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li din hija eżatt l-istess problema li għandhom ir-residenti ta' Triq il-Ħarrub. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiltaqa' magħhom.

19.3.20 Is-SE infurmat li kellha kwotazzjoni sabiex issir manutenzjoni fuq id-dekorazzjonijiet tal-Milied u din tiswa €739.50. Min-naħa tagħha rrakkomandat li jinxtraw. Il-Kunsill qabel.

19.3.21 Hawnhekk is-sindku informa li se tintbagħat ittra lill-*businesses* lokali fejn se tintalab pledge biex niġbru l-fondi għat-tiżjin tal-Milied.

19.3.22 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier JC Borg kien hemm qbil li l-Kunsill jistieden lil dawk kollha li jagħtu *sponsorship* għall-bibita tal-Milied.

19.3.23 Is-SE infurmat li kienet saret il-laqgħa mill-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta tas-*soft areas* u konna qed niffinalizzaw ir-rapport biex jiġi approvat. Sadanittant hija talbet lill-Kunsill biex jekk ma jsibx oġġezzjoni, il-bord mmexxi bl-irħas offerta li hija *compliant*. Il-Kunsill aċċetta.

19.3.24 Is-SE infurmat li riċentement kienet qed tipprova toqgħod attenta aktar għall-cameras li għandna fil-lokalità u qed jirnexxielha taqbad ħafna residenti li qed iħammġu barra l-ħin jew il-ġurnata u dejjem f'xi kantuniera jew oħra. Is-Sindku kien qed imur mal-Pulizija u jieħdu d-dettalji tagħhom biex jinħarġu ċitazzjonijiet għalkemm mhux dejjem joħorġuha min-naħa tagħhom. Il-Kunsillier JC Borg staqsa hux possibbli li jitwaħħlu r-ritratti tal-persuni li jkunu qed jabbużaw mal-bibien ta' fejn joqogħdu. Is-SE infurmat li fil-preżent il-filmati qed jintbagħtu lill-ERA, lil-LESA u lill-Pulizija.

19.3.25 Is-SE infurmat li kienet irċeviet Maintenance agreement minħabba l-cameras (13-il sit) però l-ammont kien kbir ħafna. Il-Kunsill qabel li le.

19.3.26 Is-SE infurmat li fi Msida Circus kien hemm *keep clear bay* minħabba li hemm ATM (li ma hi marbuta ma' l-ebda bank lokali). Inġibdet l-attenzjoni li ħafna mill-ħin din il-bay tkun vojta u għaldaqstant qed titlob id-direzzjoni tal-Kunsill dwar jekk għandhiex tinżamm jew issir talba biex tiġi eliminata u minflokha ssir kaxxa bajda. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tikkonferma jekk naqsux il-bays u tittieħed deċiżjoni a bażi ta' din l-informazzjoni.

19.3.27 Il-Kunsilliera Baldacchino Cefai infurmat li l-Voluntary Fest ma kinitx se tittella'.

19.3.28 Issemma' li kienet inżammet l-attività Food and Recipies for Migrants quddiem il-Knisja. Se jkun hemm ukoll Clean Up nhar l-1 ta' Ottubru u hemm diġà madwar 20 parteċipant interessat jattendi.

19.3.29 Il-Kunsillier Farrugia informa li kienet se tinżamm laqgħa tal-kumitat tas-swatar.

19.3.30 Dwar para. 18.4.6 il-Kunsillier Agius informa li hu kien wassal l-ilment waqt il-laqgħa tal-Kunsill għaliex meta staqsa dwaru fl-uffiċċju ma kienx ingħata risposta.

19.3.31 Hawnhekk is-sindku u l-Kunsillier Baldacchino Cefai skużaw ruħhom mil-laqgħa. Il-ħin kien is-7:10pm. Il-Viċi Sindku presediet il-kumplament tal-laqgħa.

19.3.32 Is-SE infurmat li hi u l-Kunsillier Farrugia kienet se jiltaqgħu ma' rappreżentanti mill-Università ta' Riga dwar il-proġett ta' moss-based furniture li l-Kunsill kien diġà ddiskuta dwarhom xi ġimgħat ilu.

## 19.4 Talba għal reviżjoni tal-lokazzjonijiet għal *charging pillars* għal vetturi elettriċi

19.4.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet irċeviet il-lista tal-lokazzjonijiet li ntagħżlu biex fihom isiru charging pillars għal vetturi elettriċi fil-lokalità.

19.4.2 Hawnhekk qalet li kienet innutat li filwaqt li f'ċerta żoni lanqas hemm charging pillar waħda pjanata, hemm żoni oħra fejn hemm tnejn viċin xulxin (eżempju Triq Schranz u Triq Brocktorff) u saħansitra erbgħa doppji pjanati fis-Swatar. Għaldaqstant hija rrakkomandat lill-Kunsill li hekk kif għadu ma nbeda ebda xogħol, il-Kunsill jikkunsidra li jifrex iċ-charging pillars madwar il-lokalità kollha sabiex ir-residenti jinqdew aħjar.

19.4.3 Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir talba biex jinbidlu uħud minn dawn il-proposti. Kien hemm qbil li se niddiskutuhom bħala sottokumitat.

## 19.5 Talbiet għal tmexxija ta' sigħat ta' Vacation Leave għas-sena 2026

19.5.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba mingħand Mirane Mifsud Triganza biex tmexxi 35 siegħa għas-sena d-dieħla. Hija infurmat li min-naħa ma kellhiex oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel li dan jiġi approvat.

19.5.2 Is-SE infurmat li min-naħa tagħha xtaqet ukoll takkumula 50 siegħa għas-sena 2026 minħabba li ma kienx irnexxielha tuża l-allokazzjoni kollha tagħha. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 19.6 Laqgħa mar-Reġjun dwar il-ġabra tal-Iskart

19.6.1 Is-SE infurmat li kienet saret laqgħa mal-President tar-Reġjun, il-Waste Manager kif ukoll il-kollettur tal-iskart fejn ġew diskussi ħafna possibbiltajiet biex il-ġabra tal-iskart fl-Imsida titjieb u jiġu solvuti numru ta' problemi li hemm preżentament.

19.6.2 Is-SE qalet li l-aktar suġġeriment li deher li għoġob lill-kuntrattur kien dak li l-kollezzjoni tibda fit-8:00am flok fit-8:30am u skont hu, dan seta' jwassal biex ikun hemm titjib b'siegħa minn l-aħħar. Is-SE spjegat li anke jekk il-Kunsill jaqbel, din trid tiġi diskussa waqt laqgħa tar-Reġjun u li r-Reġjun irid jerġa' jwassalha għaliex illum il-ħin tal-ġabra huwa marbut b'liġi apposta.

19.6.3 Wara diskussjoni kien hemm qbil li din għandha terġa' tiġi diskussa għalkemm bħala membri preżenti aktar qablu li titmexxa l-ġabra għal flgħaxija minflok li timxi b'nofs siegħa.

## 19.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

19.7.1 Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li l-konkos li twaddab fuq it-trinek fi Triq l-Iskola u l-madwar mhux komdu. Is-SE reġgħet infurmat li f'dik iż-żona kien se jsir xogħol ieħor u wara li jitlesta x-xogħol se jsir resurfacing min-naħa għall-oħra tat-triq.

19.7.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar l-għassa, is-SE infurmat li kienet se tinżamm laqgħa mal-Ispettur risponsabbli mix-xogħlijiet fil-ġimgħa li jmiss.

19.7.3 Il-Kunsillier Agius fakkar li nhar il-Ħamis se jkun hemm il-Quddiesa tal-anzjani u wara jiġu għall-kafe fl-uffiċċju tal-Kunsill.

## 19.8 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

19.8.1 Il-Kunsillier Chircop issuġġerixxa li biex tittaffa l-problema tal-parkeġġ madwar l-Iskola Primarja, il-Kunsill seta' jitkellem mal-Arċipriet biex isir parkeġġ fil-parkeġġ taċ-Ċentru Parrokkjali, anke jekk isir bi ħlas. Il-Kunsillier Agius informa li fil-passat diġà kien hemm talba simili. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju u kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-Arċipriet.

19.8.2 Il-Kunsillier Chircop issuġġerixxa li jsir xi logħob fi Triq Victor Denaro organizzat mit-tfal tal-Kunsill tat-tfal. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għalkemm is-SE fakkret li fix-xhur li ġejjin se jkun qed jinbeda l-proġett.

19.8.3 Il-Kunsillier Chircop informa li dwar il-proposta tiegħu għal *traffic management* ġdid għal Triq il-Kunċizzjoni, huwa kien ħejja pjanta u kien se jgħaddiha lis-SE biex tiċċirkulaha.

19.8.4 Il-Viċi Sindku infurmat li hija x-xewqa tagħha li l-Kunsill jibda l-proċess biex l-aħħar siti li fadal fl-Imsida jiġu skedati ħalli jkunu protetti u jkollna moħħna mistrieħ li se jibqgħu parti mill-patrimonju tal-lokalità tagħna, bħalma huma l-Għajn tal-Ħasselin, il-knisja tal-Kunċizzjoni, parti mix-xatt (l-antika), il-monument tal-Ħaddiema, Palazzo Casolani, il-pillbox tas-Swatar, ix-xelter ta' Triq it-Torri, u t-Torri tas-Swatar fost oħrajn.

## 19.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

19.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-19), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Farrugia propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier JC Borg issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mill-Vici -Sindku u mis-SE.

## 19.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:02pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru 2025 fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Ryan informa li l-uffiċjali ta' TM kellhom jibdew ikunu fi Triq il-Punent filgħodu u filgħaxija. Is-sindku ikkonferma li kien rahom.

Ryan ikkonferma li kien se jkun hemm sistemi tal-irrigazzjoni u li hemm ftehim għal 10 snin responsabbiltà ta' IM.

Ryan ikkonferma li kien sar ġibjun fin-niżla ta' M.A. Vassalli biex jilqa' l-ilma tax-xita.

Dwar it-talba tal-Kunsill biex tinkesa t-telgħa, Ryan ikkonferma li t-toroq kienu se jinksew mill-ġdid meta jitlesta l-proġett. Min-naħa l-oħra kienu infurmaw li jekk jiżviluppaw xi toqob, kienu se jieħdu ħsieb li jirranġawhom.

Dwar il-possibbiltà li jkun hemm lok fejn wieħed idawwar, Ryan informa li l-Periti talbu lill-Kunsill jiddiskutiha mal-Ministru għaliex din it-turning fil-proġett m'hijiex inkluża.

Dwar il-parkeġġ tal-anzjani l-periti infurmaw li dan huwa parkeġġ temporanju. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li ġiet ppubblikata l-offerta għalih. Il-periti infurmaw li l-Kunsill għandu jkellem lill-Ministru.

Fir-rigward tat-talba tal-Kunsill biex titmexxa l-bus stop ta' Triq Rue D'Argens il-Periti infurmaw lill-Kunsill li għandu jagħmel it-talba ma' TM ghalkemm huma m'għandhomx oġġezzjoni.

Fir-rigward tal-kamra bil-kommunikazzjoni tad-dawl u l-ilma fil-viċin tal-pjazza, il-Periti kienu infurmawh li mhux se jagħmlu connections ġodda. Il-Kunsill sħiħ ikkontenda li ladarba fil-kamra li kienu kissrulna kien hemm il-kommunikazzjonijiet neċessarji tad-dawl u l-ilma, huma għandhom jagħmlu l-bażiku, jiġifieri mqar kamra żgħira u jippreparaw is-sleeves biex jgħaddu s-servizzi u għallanqas il-Kunsill jerġa' japplika għall-meters.

Il-Kunsill esieġa li meta jiġu l-uffiċjali tal-Health and Safety Ryan għandu jkun preżenti. Ryan informa li skont il-Periti, l-OHSA għaddiet liġi ġdida u IM qegħdin konformi. Il-Kunsillier JC Borg ġibed l-attenzjoni li l-problemi tal-H&S li qed jirreferi għalihom il-Kunsill mhumiex fis-sit inniffsu imma qegħdin fuq barra tal-proġett. Is-Sindku insista li għandhom jassiguraw li l-H&S officers jaċċertaw li l-passaġġi fejn jgħaddu n-nies huma safe, per eżempju, għaliex il-Kunsill ċert li m'humiex. Il-Kunsillier Farrugia hawnhekk fakkar lil Ryan li hu kien għaddielu anke videos fejn juru li l-passaġġi mhumiex safe għal diversi raġunijiet.

Il-Kunsilliera insistew li l-blokok tal-konkos għandhom jogħlew għaliex l-ilma mhux ikollu fejn imur meta tagħmel ix-xita.

Fir-rigward tat-talba tal-Kunsill biex isir it-tindif madwar il-kunsill u madwar il-proġett, il-Periti infurmawh li t-tindif huwa responsabbiltà tal-Kunsill u li l-kuntrattur mhux xogħlu jiġbor l-iskart. Il-Kunsill insista li t-trabijiet li hemm fil-madwar m'humiex ta' natura normali iżda huma kawża tal-proġett u għaldaqstant għandhom ikunu huma li jieħdu ħsieb li jnaqqsu l-inkonvenjenza. Inġibditlu l-attenzjoni li l-passaġġ fejn jimxu n-nies kien mimli trabijiet tant li persuna b'wheelchair jew pram kien impossibbli li tgħaddi minn fuqu.

Dwar it-talba tal-Kunsill biex il-passaġġi jkunu komdi biex jgħaddu n-nies b'wheelchair, u biex ikollhom id-dawl biex in-nies jgħaddu komdi, il-Periti infurmaw li kienu se jagħmlu assessment.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li jekk tagħmel ix-xita, il-barriers tal-plastik kienu se jaqgħu jew jimxu bil-qawwa tal-ilma.

Ryan informa li l-flyover kienet se tinfetaħ biex tintuża fil-bidu tas-sena d-dieħla.

Fir-rigward tat-tiżjin tal-Milied, il-Periti infurmaw li m'għandhomx oġġezzjoni għal laqgħa. Sadanittant infurmaw li ż-żona ta' quddiem il-knisja setgħet tintuża.

Is-Sindku sostna li IM għandha ġġib rispett lejn il-kunsill u jibgħatu jinfurmawna qabel ma jkun hemm xi għeluq jew tibdil fir-rotot. Ryan informa li l-Periti kienu avżawh li l-Kunsill għandu jsegwi ċ-channel tal-Whatsapp. Il-Kunsill kollu qabel mas-Sindku u insista li għandna nkunu nafu mingħand IM u mhux minn messaġġ fuq is-social media.

Is-SE ġibdet l-attenzjoni lil Ryan dwar ittra li kienet se tintbagħat lilu bħala warning għaliex ma kienx qed jonora t-termini tal-kuntratt li jagħmel 4 sigħat kuljum fl-Imsida. Il-Kunsill jidhirlu fil-fatt li lanqas biss ikun l-Imsida b'mod regolari aħseb u ara kemm qed jagħmel is-sigħat li huma mitluba minnu skont il-kuntratt.

F'isem il-Kunsill, is-SE talbet lil Ryan biex jagħmel talba uffiċjali lill-Periti biex il-kunsillier Farrugia jibda jattendi għal-laqgħa ta' darba fil-ġimgħa li jkollu ma' IM.

Il-laqgħa spiċċat fis-6pm.

*****